Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Frar 2024**
**(OR. en)**

**5925/24**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0464(NLE)**

**ACP 16**
**COAFR 47**
**COLAC 15**
**COASI 14**
**WTO 15**
**RELEX 124**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 16987/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra<br>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2023/2861 tiegħu dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").

2. Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Ftehim ġie ffirmat f'Apia, Samoa, mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

3. Fid-19 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ST 16987/23 + ADD 1).

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta msemmija hawn fuq fil-laqgħat tiegħu tad-9 u s-16 ta' Jannar 2024, u approvaha, b'emenda biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa, fit-23 ta' Jannar 2024.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jikkonferma l-qbil fil-prinċipju dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument ST 5789/24, u jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.